REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/682

tat-8 ta' April 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid, it-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa* L. u mill-*Brassica napus* L.

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid biss jista' jiġi introdott fis-suq fl-Unjoni.

(2) Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) stabbilixxa lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid.

(3) Il-lista tal-Unjoni stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 tinkludi t-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa L.* u mill-*Brassica napus L.* bħala ikel ġdid awtorizzat.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/120 ([3]) awtorizza l-introduzzjoni fis-suq tat-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa* L. u mill-*Brassica napus* L. bħala ikel ġdid biex jintuża f'għadd ta' tipi ta' ikel.

(5) Fid-19 ta' Ottubru 2023, il-kumpanija Ferm Food ApS ("l-applikant") ressqet applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 għal bidla fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid, it-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa L.* u mill-*Brassica napus L.* L-applikant talab li jitnaqqsu l-livelli tal-proteini u tal-lipidi, u li jiżdiedu l-livelli tat-total ta' karboidrati, tat-total ta' fibra, tal-indewwa u tal-irmied fit-trab finali.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2283/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2017/2470/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/120 tat-2 ta' Frar 2021 li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tat-trab taż-żerriegħa tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa* L. u *Brassica napus* L. bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 (ĠU L 37, 3.2.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/120/oj).

(6) L-applikant ipprovda ġustifikazzjoni għat-talba tiegħu biex jiġu mmodifikati l-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid li tikkonċerna bidla f'għadd ta' parametri tal-kompożizzjoni. L-applikant indika li l-modifiki mitluba tal-ispeċifikazzjonijiet jinvolvu definizzjoni usa' tal-karatteristiċi/tal-kompożizzjoni tal-ikel ġdid u li dawn il-modifiki jippermettu fluttwazzjonijiet fir-rendiment tal-Unjoni, fil-produzzjoni tal-imtieħen taż-żejt u fil-metodi tal-ippressar. Il-bidliet proposti jippermettu wkoll l-użu tal-*Brassica rapa* L. u tal-*Brassica napus* L. kemm mill-ħsad tax-xitwa kif ukoll minn dak tar-rebbiegħa u għalhekk dan iżid il-provvista tal-materja prima u tal-produzzjoni potenzjali tat-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi għall-ikel. B'mod partikolari, it-tnaqqis tal-livell aktar baxx ta' proteina minn 33 % għal 28 % jippermetti li tiġi estiża l-provvista tal-materja prima u l-potenzjal għat-trasformazzjoni ta' aktar pasta tal-lift għall-għalf fl-ikel. Meta wieħed iqis li s-suq jitlob ikel b'kontenut baxx ta' xaħam, it-tnaqqis tal-livell aktar baxx ta' lipidi minn 14 % għal 10 % jippermetti trab tal-lift aktar xieraq bħala ingredjent tal-ikel. Barra minn hekk, iż-żieda fil-livell massimu ta' ndewwa minn inqas minn 7 % għal inqas minn 11 % tippermetti teknoloġiji aktar effiċjenti, li jippermettu proċess ta' tnixxif jew ta' stabbilizzazzjoni li jirrikjedi inqas enerġija, li jnaqqas l-impronta tal-karbonju ġenerali tar-raffinament tal-pasta tal-lift għall-ikel. Barra minn hekk, peress li l-limitu speċifikat tal-perossidu jibqa' l-istess, ir-riskju ta' ossidazzjoni ma jiżdiedx biż-żieda ssuġġerita fl-indewwa. L-applikant iġġustifika wkoll it-talba tiegħu billi indika li t-tnaqqis mitlub fil-livelli tal-proteini u tal-lipidi, u ż-żieda fil-livelli tat-total ta' karboidrati, tat-total ta' fibra, tal-indewwa u tal-irmied fit-trab finali ma jaffettwawx is-sikurezza tal-ikel ġdid.

(7) Minbarra l-varjabbiltà tal-materja prima, il-modifiki proposti tal-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid huma riżultat ta' bidliet fil-proċess tal-produzzjoni. Fil-proċess ta' Ferm Food ApS, il-pasta tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi tinxtara mill-produtturi taż-żejt tal-lift tal-UE, tiġi ttrasportata lejn is-sit tal-produzzjoni ta' Ferm Food ApS, u tiġi ffermentata b'taħlita ta' batterji tal-aċidu lattiku. Il-proċess ma jinkludix il-passi tal-ħasil, tal-filtrazzjoni, taċ-ċentrifugazzjoni jew tal-aċidifikazzjoni kif deskritt fl-opinjoni xjentifika tal-Awtorità dwar is-Sigurtà fl-Ikel ([4]) ("l-Awtorità"). Il-prodott tal-iskart tal-fermentazzjoni tal-batterji tal-aċidu lattiku huwa l-aċidu lattiku.

(8) Il-Kummissjoni tqis li l-aġġornament mitlub tal-lista tal-Unjoni dwar il-bidla tal-ispeċifikazzjonijiet tat-trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa L.* u mill-*Brassica napus L.* proposta mill-applikant, mhuwiex mistenni li jkollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem u li mhijiex meħtieġa evalwazzjoni tas-sikurezza mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Il-bidliet fil-proċess tal-produzzjoni, il-varjabbiltà tal-materja prima u l-bidliet fil-livelli tal-proteini, tal-lipidi, tat-total ta' karboidrati, tat-total ta' fibra, tal-indewwa u tal-irmied ma jaffettwawx is-sikurezza tal-ikel ġdid kif ivvalutat mill-Awtorità u ma jbiddlux il-konklużjonijiet tal-Awtorità li appoġġat l-awtorizzazzjoni inizjali.

(9) L-informazzjoni pprovduta fl-applikazzjoni tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tal-ikel ġdid huma f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/2283 u jenħtieġ li jiġu approvati.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat kif xieraq.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([4]) *EFSA Journal* 2020;18(7):6197.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet) tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470, l-entrata għal trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa L.* u mill-*Brassica napus L.* hija sostitwita b'dan li ġej:

Ikel Ġdid Awtorizzat	Speċifikazzjoni
"Trab tal-lift bix-xaħam parzjalment imneħħi mill-*Brassica rapa L.* u mill-*Brassica napus L.*	**Definizzjoni:** It-trab jiġi prodott miż-żrieragħ bix-xaħam parzjalment imneħħi tal-*Brassica rapa* L. u tal-*Brassica napus* L. mhux ġenetikament modifikati, ta' kultivari żero doppju (00), permezz ta' serje ta' passi ta' pproċessar biex jitnaqqsu l-glukosinolati u l-fitati. Sors: Żrieragħ tal-*Brassica rapa* L. u tal-*Brassica napus* L. **Karatteristiċi/Kompożizzjoni:** Proteina (N × 6,25): 28,0 – 43,0 % Lipidi: 10,0 – 22,0 % Total ta' Karboidrati (*): 33,0 – 45,0 % Total ta' Fibra (**): 33,0 – 46,0 % Indewwa: < 11,0 % Irmied: < 8,0 % Total ta' Glukosinolati: < 0,3 mmol/kg (≤ 120 mg/kg) Fitat: < 1,5 % Valur tal-perossidu (fil-piż tal-ikel ġdid): ≤ 3,0 mEq O_2/kg **Metalli tqal:** Ċomb: < 0,2 mg/kg Arseniku (inorganiku): < 0,2 mg/kg Kadmju: < 0,2 mg/kg Merkurju: < 0,1 mg/kg Aluminju: < 35,0 mg/kg **Kriterji mikrobijoloġiċi:** Għadd totali tal-kolonji (30 °C): < 5 000 CFU/g Enterobacriaceae: < 10 CFU/g Salmonella sp.: Negattiv/25 g Ħmira u moffa: < 100 CFU/g Bacillus cereus: < 100 CFU/g (*) Bid-differenza: 100 % – [proteina % + indewwa % + xaħam % + irmied %] (**) AOAC 2011.25 (Gravimetrija enżimatika) CFU: Unitajiet li Jiffurmaw Kolonji, AOAC: Association of Official Agricultural Chemists"